**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU TNAX 27 ta' MEJJU, 2020**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjura Rita Grima u l-Kunsillieri is-Sinjura Marisa Dámato, Dr Tiffany Ann Farrugia, s-Sur Kaydem Schembri, is-Sur Joseph D'Amato, is-Sur Kenneth Farrugia, is-Sur Kyle Mifsud u s-Sur Dino Bonnici.

**SKUŻAT**

Il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia ma attendix għas seduta. Kien informa lis-Segretarju Eżekuttiv li ser ikun xogħol sas-19:30 u li ser jattendi wara, permezz ta' telefonata.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Din is-seduta saret virtwali minħabba l-kwistjoni tal-Covid 19.

Is-Sindku Rita Grima ppresediet is-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **12.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 12.1.1 | | Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija x'jinqraw. |
| | | |
| **12.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| 12.2.1 | | Ġew approvati l-minuti tal-ħdax - il seduta. |
| | | |
| | | |
| ***12.4*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |
| | | |
| 12.4.1 | | Is-Sindku qalet li minħabba li Jum iż-Żurrieq ser ikun fil-ġurnata tat-Tnejn, l-attivitajiet ser isiru nhar il-Ħadd li ġej. Ser tittella l-bandiera taż-Żurrieq u titwaħħal oħra mal-gallarija tal-uffiċċju.<br>Ser ikun hawn attivita' żgħira li tibda fl-10 ta' filgħodu. Ser ikun hemm preżenti quddiem l-uffiċċju tal-Kunsill:<br>• Dr Chris Role li ser ikun qed itella mużika flimkien mal-Kunsillier Marisa |

| | | |
|---|---|---|
| | | D'Amato.<br>• Il-Kunsill kien ġie avviċinat minn sid ta' stabbilimenti fiż-Żurrieq li kien lest li jgħati vouchers għal kompetizzjoni. Saret kompetizzjoni fuq yousafezurrieq biex in-nies juru x'qed jagħmlu waqt li qedgħin id-dar minħabba l-pandemija tal-Covid 19 u min ser iġib l-aktar likes jieħu voucher ta' 30Euro. Il-kompetizzjoni inqasmet bejn nisa, irġiel u tfal.<br>• Membru minn Zurrieq Wolves AC running group issuġġerixxa li f'Jum iż-Żurrieq jew jum qabel issir ġirja individwalment fl-akwati taż-Żurrieq u l-atleti juru f'mappa l-ġirja tagħhom u jingħataw ċertifikat tal-okkażjoni mill-Kunsill Lokali.<br><br>Kien hemm qbil fuq dan kollu. |
| | | |
| | | |
| ***12.5*** | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQIJIET TAL-KUNSILLIERI*** |
| | | |
| | | |
| | | |
| 12.5.1 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qara email li xtaq li l-Kunsill jaqbel fuqha u jibgħatha liċ-Chairman ta' Transport Malta. Din l-email tgħid li l-Kunsill uninament ma jaqbilx mar-rumble strips li saru mingħajr konsultazzjoni tal-Kunsill fi Vjal il-Blue Grotto. Kien hemm qbil fuq dan.<br>F'dan il-punt is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li hi f'isem il-Kunsill tkellmet diversi drabi ma persuni inkarigati mix-xogħol li sar, anke emails intbgħatu fuq dan ir-rigward, imma ħadd ma jrid jagħti ordni biex jitneħħew. Infurmat ukoll li tkellmet mal-kuntrattur li għamilhom u ġiet infurmata li hu għadu ma tħallasx u ma jridx li jitneħħew qabel jitħallas. |
| | | |
| 12.5.2 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato jissuġġerixxi li fejn jispiċċa ċ–ċint fil-ġemb ta' Ġnien il-Ġibjun jinsab perikoluż għall-vetturi. Hu ssuġġerixxa li jsiru bollards jixgħelu bid-dawl tal-vetturi. Is-Sindku qalet li tkellmet fuq hekk mal-Onor. Ministru Ian Borg. Kien hemm qbil li jsiru. |
| | | |
| 12.5.3 | | Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet :<br>• li fuq il-website tal-Kunsill persuna ma tkunx tista tibgħat ritratt. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tiċċekja.<br>• Hemm applikazzjoni fuq mobile biex ir-residenti jkunu jistgħu jużawha minflok li n-nies jiktbu fuq xi paġni ta' face book. Kien hemm qbil ma din l-app għalkemm ma tista twaqqaf lill-ħadd milli jikteb fuq paġni ta' fb.<br>• Is-side road ta' Vjal il-Blue Grotto qed jilmentaw biex issir resurfacing max-xogħol li qed isir fil-main road. Is-Sindku qalet li tkellmet mal-Perit Vasssallo li hu inkarigat u qal li x-xogħol ser isir fil-main road biss. |
| | | |
| 12.5.4 | | Il-Kunsillier Tiffany Ann Farrugia qalet:<br>• Li hemm bżonn jiġi iffumukat Bubaqra<br>• Jiġi restawrat il-monument tal-gwerra – is-Segretarju Eżekuttiv qalet li meta |

| | | |
|---|---|---|
| | | tkellmet mal-awtoritajiet, ġiet infurmata li m'għandux bżonn manutenzjoni, għalkemm il-Kunsill is-sena l-oħra kien dar il-kliem tiegħu.<br>• Hemm bżonn li jiġu restawrati l-imtali ta' Bubaqra għax minħabba li qed isir il-bini qed jiġi rrovinat u spiċċa kważi parti mill-bini. Kien hemm qbil li l-Kunsill jinforma lill-Heritage, wara li jittieħdu ritratti mill-Kunsillier Tiffany Ann Farrugia. |
| | | |
| 12.5.5 | | Il-Kunsillier Kyle Mifsud staqsa fejn wasal ix-xogħol tar-restawr tal-istatwa fi Triq il-Karmnu. Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li suppost kienet ser tkun lesta sa Jannar, imma minħabba li kellha ħsara kbira, ix-xogħol ser jieħu aktar fit-tul. |
| | | |
| 12.5.6 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici qal:<br>• Jaqbel li l-Kunsill iħalli toroq primarjament għal min jimxi biss – is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li ser jitressaq il-punt f'item ieħor.<br>• Hemm fondi mil-Lesa biex il-Kunsilli japplikaw għalihom – Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill applika għalihom diġa. |
| | | |
| 12.5.7 | | Il-Kunsillier Kaydem Schembri qal li fuq mobile app tal-Kunsill, irid ikun hemm informazzjoni fuq ir-raħal, kalendarju tal-ġabra tal-iskart, ħsarat fit-toroq u aktar informazzjoni fuq il-Kunsill. Hemm applikazzjoni ta' massimu ta' 10,000Euro fi grant. Il-Kunsillier Kaydem Schembri ser jaħdem fuqha. |
| | | |
| 12.5.8 | | Il-Kunsillier Kaydem Schembri qal li<br>• Hemm bżonn patching fi Triq Wied Fulija - Is-Sindku qalet li marret mal-kuntrattur fejn talbet li jsir patching fejn hemm il-ħofor kbar biss. Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li qed jiddiskuti ma' Infrastructure Malta biex mal-proġett issir ukoll it-triq.<br>• Biex titneħħa parti minn bankina minn Wesgħa Franġisk Bugeja biex jitpoġġew imqar żewġ parking bays. Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li bankina saret għax ir-resident ta' mal-bankina għandu t-twieqi fil-baxx. Kien hemm qbil li jekk jinġieb permess mir-residenti tad-dar imsemmija titneħħa l-bankina.<br>• Biex jitneħħew xi siġar minn Wesgħa Franġisk Bugeja biex isir parkeġġ minflok. – Ma kienx hemm qbil.<br>• Fi Triq Filippu Farrugia faċċata tal-kantuniera tal-ħanut tas-sapun hemm bżonn li jsiru xi bollards biex ma jipparkjawx u ma jostakolawx Triq Gorg Sammut. Kien hemm qbil li tinkiteb ittra lil-TM.<br>• Hemm bżonn cigarett bin fejn Zurrieq FC – kien hemm qbil fuq dan.<br>• Biex fejn in-niċċa tas-Sagra Familja jkun hemm id-dawl bħal ma hemm man-niċċa ta' Santa Katarina – Ser jiġi iċċekjat x'jista jsir.<br>• Issuġġerixxa biex il-Kunsill joffri servizz ta' van biex jaqdi lir-residenti anzjani tal-lokal. Is-Sindku ser tindaga ma' kunsilli oħra u terġa titkellem fis-seduta li jmiss. |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| 12.5.8 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal:<br>• Prosit lill-Kunsillier Marisa D'Amato fuq l-inizjattiva tal-Cat Cafe.<br>• Fi Triq Sant Andrija hemm passaġġ li miż-Żurrieq tieħdok Ħal Safi. U minn informazzjoni li għandu l-Kunsill Lokali Safi għamel il-konkos fih.<br>• Isir dog bin fi Triq Gożwalda Calleja – Is-Segretaru Eżekuttiv qalet li jekk hemm xi ħadd li jridu ħdejħ jista jsir.<br>• Issir tisqija f'Bubaqra<br>• F'Ottubru ser jitħawlu aktar minn mitt siġra oħra fiż-Żurrieq. |
| | | |
| ***12.5*** | | **Rapporti** |
| | | |
| **12.5.a** | | **Audited Financial Statements** |
| | | |
| | | |
| 12.5a.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dan l-item fuq l-aġenda għamlitu biex tressaq ir-rapport tal-Awditur wara x-xogħol li għamel f'dan ix-xagħar għall-attenzjoni tal-Kunsill. Imma minħabba li l-Awditur ma laħaqx bagħat ir-rapport, ser ikollha issir seduta oħra fl-10 ta' Ġunju, biex jiġi approvat dan. |
| | | |
| ***12.6*** | | ***Items oħra ta' xogħlijiet u servizzi*** |
| | | |
| 12.6.a.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet dawn l-ilment/suġġerimenti għall-approvazzjoni tal-Kunsill:<br>***a.*** L-assoċjazzjoni Kunsilli Lokali ssuġġeriet li flimkien mal-Ministeru għat-trasport u Infrastruttura ser jaraw jekk hemmx lokalitajiet li fuq bażi volontarja joħolqux spazji fil-qalba tar-raħal biex ikunu ta' prijorita għar-residenti u dawk li jużaw ir-roti. Wara diskussjoni kien hemm qbil li l-Kunsill japplika għall-Misraħ Repubblika.<br>***b.*** L-assoċjazzjoni Kunsilli Lokali qed tistaqi lill-Kunsilli jridux li bejn l-1ta' Ġunju u 15 ta' Ġunju, jixgħelu l-faċċata ħamra biex toħloq għarfien dwar is-sinifikat tad-donaturi tad-demm. Kien hemm qbil li tinxtgħel mit- 2 ta' Ġunju.<br>***c.*** Residenti qed jitolbu li jsiru bollards fi Triq il-Kunċizzjoni fejn ritratt mehmuż **Doc.2.** minħabba li l-iscammel ta' kulljum qed isibha diffiċli biex jgħaddi minħabba li għalkemm hemm double yellow lines fit-triq, il-vetturi xorta jipparkjaw. Ma kienx hemm qbil fuq dan.<br>***d.*** Hemm bżonn sleeping policeman fi Triq Wied Ganu minħabba li t-trakkijiet qed joħorġu minn Triq Ganu għal Triq l-Imdawra b'veloċita kbira. Kien hemm qbil li jinġibu l-permess minn TM.<br>**e.** Ġiet murija petizzjoni minn residenti, bdiewa u nies ta' negozju |

| | | |
|---|---|---|
| | | minn Triq il-Pluvieri li talbu 3 sleeping policemen. **Dok 3 mehmuż.** Ma kienx hemm qbil fuq dan.<br>f. Talba biex issir sleeping policeman fi Triq il-Kbira fejn qabel kien hemm il-ħanut 'Needles and pins'. Ġiet iffirmata petizzjoni mit-tliet residenti li jriduha quddiemhom. **Dok 4** mehmuż Kien hemm qbil li jintalab permess minn TM.<br>g. Persuna ssuġġeriet li jsir basketball pole f'xi post fiż-Żurrieq, biex ikun jista jiġi pprattikat. Fil-kunċett kien hemm qbil u l-Kunsillier inkarigat Dino Bonnici ser jitkellem ma min talabha. F'dan il-punt il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet li l-kunsill irid jagħti każ fejn ser titpoġġa minħabba d-damdim tal-ballun, minħabba l-inkonvenjenza għar-residenti tal-madwar.<br>h. Persuna tablet biex tarma gabbana viċin il-Laboratorju tal-Paċi. Meta l-Kunsill ikkuntatja lill-Laboratorju tal-Paċi biex naraw isibx oġġezzjoni, u infurmawna li iva jsibu oġġezzjoni għax minn gabbana jinħolqu affarijiet mhux pjaċevoli fl-akwata. Kien hemm qbil li ssir il-gabbana biss.<br>i. Resident li għandu d-dar tiegħu ta' 'l fuq minn 450 sena fi Triq Santa Marija f'Bubaqra (fil-parti d-dejqa ta' bejn il-kappella u ċ-ċimiterju) qed jitlob għal żewġ bollards oħra f'din il-parti tat-triq minħabba li t-trakkijiet xorta qed jagħddu. **Dok 5 mehmuż.** Ma kienx hemm qbil li jiżdiedu bollards. |
| | | |
| 12.6a.2 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li fuq suġġeriment tas-Sindku Rita Grima u fuq qbil tal-Kunsill permess ta' emails iċċirkulata, inġiebu stimi biex jinxtraw face masks (biex jintużaw waqt il-minxija ta' pandemija) u titqassam waħda f'kull dar. Dawn ġew ordnati bl-arma tal-Kunsill Lokali, wara li inġiebet ukoll l-approvazzjoni tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Il-fondi ta' dawn il-maskri ittieħdu mill- budget tal-Ospitalita numru 3380 (minflok saret Festa Ħut u Jum iż-Żurrieq). |
| | | |
| 12.6.a.3 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li nhar Il-Ħamis 14 ta' Mejju, filgħaxija, irċeviet telefonata mingħand id-Direttur Ġenerali ta' Clean Malta fejn infurmha li l-għada l-Ġimgħa, kienu ser jgħinu lill-Kunsill billi jħawlu pjanti fil-promanade ta' Blue Grotto u li riedu li l-Kunsill jissuplixxi l-pots filwaqt li Clean Malta tagħmel il-ħamrija, l-pjanti, t-tħawwil u l-manutenzjoni tagħhom. Minħabba li ma kienx hemm ċans, bdiet tikkuntatja bit-telephone lill-ħwienet u kellha risposta mingħand Zammit Nurseries fejn kien lest li jgħati l-posts bil-14Euro –il waħda, bit-trasport l-għada stess. Saret l-ordni għall-posts u Clean Malta għamlet ix-xogħol, taħt it-tmexxija tas-Sur Ramon Deguara u tal-Onorevoli Ministru Julia Farrugia Portelli.<br>F'dan il-punt il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li l-messaġġi fuq fb saru b'mod li l-Kunsill ma għamel xejn, meta fil-fatt ħallas ammont konsiderevoli tagħhom u l-prosit marru kollha għal entitajiet oħra. |
| | | |
| 12.6.a. | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet lill-kunsillli l-kuntratt tas-servizz ta' Data |

| | | |
|---|---|---|
| 4 | | Protection Officer ser jiskadi fil 31ta' Mejju, 2020. Il-Kunsill bħalissa qed jieħu s-servizz mingħand Boom Consultancy għall-ħlas ta' 5664Euro fis-sena. Għas-sena li ġejja dan l-istess servizz ser jingħata għal prezz ta' 3,800Euro Vat mhux inkluża.<br>Is-Segretarju Eżekuttiv tkellmet mal-avukat tal-Kunsill, fejn ta stima ta' 59Euro Vat inkluża kull xahar.<br><br>Kien hemm qbil li tali xogħol jingħata lill-avukat tal-Kunsill. |
| | | |
| | | |
| ***12.6b*** | | ***Old People's Home at Triq San Gwann, Żurrieq (PA 2813/20)*** |
| | | |
| 12.6b.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hekk kif il-persuna li qed tieħu ħsieb l-applikazzjonijiet li jidħlu fil-PA, ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li kien hemm applikazzjoni ta' permess PA 2813/20 għal Old people's home fi Triq San Gwann Zurrieq, li tiġi bejn il-konfini taż-Zurrieq, Safi u Kirkop, permess ta' email li ġiet iċċirkulata, kien hemm qbil unanimu li minħabba li s-sit jinsab fiż-Żurrieq, il-Kunsill Lokali taż-Żurrieq għandu joġġezzjona.<br>Għalhekk il-persuna li qed tieħu ħsieb tali xogħol ħejjiet abbozz ta' oġġezzjoni u petizzjoni, is-Segretarju Eżekuttiv mexxietha b'email lill-Kunsilliera kollha, dawn ġew approvati u tmexxew.<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi u Ħal Kirkop, it-Tnejn 4 ta'Mejju, 2020 wara li l-Kunsill bagħat l-oġġezzjoni tiegħu lill-PA, infurmaw li huma ukoll iridu jingħaqdu maż-Żurrieq biex jagħmlu petizzjoni waħda konġunta bejn 3 Kunsilli Lokali ħalli jkun hemm aktar forza fil-każ. Kien hemm qbil ukoll li titqabbad l-avukat Claire Bonello biex tkompli tmexxi l-każ. L-assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u r-Reġjun Nofsinhar ukoll infurmaw li ser jagħtu l-għajnuna tagħhom fuq il-każ. Dan kollu sar permess ta' telefonati u emails.<br>Wara dan kollu l-applikant irtira l-applikazzjoni tiegħu.<br>Il-Kunsill taż-Żurrieq, flimkien mal-Kunsilli Lokali Safi u Kirkop għamlu oġġezzjoni waħda konġunta maġġmulha minn Dr Bonello. |
| | | |
| 12.6b.2 | | F'dan il-punt is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fil-Kunsill qed jidħlu ilmenti li fi Triq Dun Ġużepp Barbara qed joqgħod ħafna ilma għax it-triq niżlet u hemm bżonn manutenzjoni ta' bankina. Skont il-pjanta li għandu l-Kunsill Lokali tal-Konfini – il konfini bejn iż-Żurrieq u Ħal Kirkop mhumiex ċari. Għalhekk intalbet spjegazzjoni lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Id-Direttur Ġenerali ssuġġerixxa li l-ewwel issir laqgħa mal-Kunsill involut u jaraw li jkun hemm kompromes. Is-Segretarju Eżekuttiv ssuġġeriet li ssir laqgħa mal-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop biex jiġi diskuss din il-materja. Kien hemm qbil li l-manutenzjoni ssir minn Ħal Kirkop ġaladarba t-triq tagħmel ma' Ħal Kirkop. Jekk il-Kunsill Kirkop jirrifjuta li jagħmel tali xogħol issir laqgħa magħhom. |
| | | |
| ***12.6b.3*** | | ***Applikazzjoni PA 2832/20 – pastizzeria/takeaway fl-entratura taż-Żurrieq*** |
| | | |
| 12.6b.3 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet draft tal-oġġezzjoni li għamlet il-persuna mqabbda mill-Kunsill fuq PA 2832/20 fuq change of use minn showroom għal |

| | | |
|---|---|---|
| | | pastizzeria/takeaway fuq sit fi Triq Santa Katarina k/m Vjal il-Blue Grotto. Il-Kunsill għandu ċans sad-29 ta' Mejju biex joġġezzjona**. Dok 6 mehmuż**<br><br>F'dan il-ħin fis-seduta kien preżenti sid il-post li applika għall-permess biex jispjega dak li ser isir.<br>Minħabba kunflitt ta' interess il-Kunsillier Tiffany Ann Farrugia irtirat mis-seduta.<br>L-applikant qal li:<br>• ser issir pastizzerija biss u mhux ser isir tisjir ta' ikel. Imma forn biss għall-pastizzerija.<br>• Is-Sid qal li tkellem mal-fratellanza tal-Madonna tal-Karmnu, fejn qalulu li ma jixtiqux shutter minħabba l-estetika u hu qabel u irranġa l-pjanta u minflok shutter issa ser isir bieb tal-ħġieġ.<br>• Ċumniji mhux ser isiru.<br>• Ser jagħmel katina biex ma jirfsux fil-ħamrija ta' madwar il-monument.<br>• In-nies bilfors iridu jidħlu ġol ħanut biex jisservew.<br>• Mhux ser jiftaħ tieqa ta' take away.<br>• Ser ibiegħ ġelat, xogħol ta' pastizzerija, display bil-ħelu tal-kwart u ħobż lest li ma jsirx fil-post.<br>• Il-ħanut ser ikun aċċessibbli minn wara l-istatwa u minn Vjal il-Blue Grotto fejn hu miftuħ il-ħanut bħalissa.<br>• Ġie mistoqsi fejn ser ikun l-isem tal-Ħanut – Informa li għadu ma jafx.<br>• Tinda mhux ser ikun hemm minħabba li tkerraħ wara l-istatwa.<br>• Ġie ssuġġeriet li l-bieb jinfetaħ fi Triq Santa Katarina ħalli wara l-istatwa jibqa kollox kif inhu. Is-Sid aċċetta.<br><br>Is-Sid ħareġ mis-seduta u saret diskussjoni.<br><br>Kien hemm qbil li jekk wara l-monument ma jitmisx xejn xejn u ma jsirx lanqas l-isem tal-ħanut u l-entratura tal-ħanut tkun minn Triq Santa Katarina, u li l-isem tal-ħanut ikun fuq l-entratura ta' Triq Santa Katarina ma jkunx hemm oġġezzjoni. Kien hemm qbil li l-Kunsill jitkellem mal-konsulent biex jikteb f'dan is-sens.<br><br>Il-Kunsilliera Kaydem Schembri u Kenneth Farrugia riedu li l-ħġieġ ikun b'tali li ma jidhrux l-affarijiet ġewwa, fil-parti ta' wara l-monument. Is-Sindku u l-kumplament tal-kunsilliera ma qablux ma' dan, fuq il-punt li l-ħanut ta' ħdejħ għandu l-armatura li jidhru l-affarijiet minn barra. |
| | | |
| | | F'dan il-punt il-Kunsillier Tiffany Ann Farrugia reġgħet daħlet fis-seduta. |
| | | |
| **12.6c** | | **Ħruġ ta' Tenders : Cleaning and attendance of public conveniences u Collection of Bulky Refuse** |
| | | |
| 12.6c.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-imsemmija tenders jiskadu f'Ottubru u minn issa irridu nibdew naħdmu fuqhom.<br><br>Kien hemm qbil li jinħarġu t-tenders. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| ***12.6d*** | | ***Jum iż-Żurrieq*** |
| | | |
| 12.6d.1 | | Dan il-punt tqajjem fil-komunikazzjoni tas-Sindku. |
| | | |
| | | |
| ***12.6e*** | | ***Cat Cafe'*** |
| | | |
| 12.6e.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurat li l-approvazzjoni mid-Dipartiment tal-artijiet fuq l-art fi Triq il-Belt Valletta ġiet approvata. Il-pass li jmiss hu l-permess minn PA biex isir il-cat cafe fuq l-art. Il-perit ssottomessa l-applikazzjoni immedjatament wara li l-Kunsill irċieva l-approvazzjoni mid-Dipartiment tal-Artijiet.<br><br>Is-Sindku flimkien mal-Kunsillier inkarigat Marisa D'Amato marru fuq il-post għal darb oħra jitkellmu mal-kuntrattur li ta l-istimi u informa li kif il-Kunsill ikollu l-approvazzjoni, x-xogħol ikun jista jinbeda. |
| | | |
| | | |
| ***12.7*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAR-REĠJUN NOFSINHAR, TAL-GALXLOKK u TAL-ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI U SOTTO KUMITATI*** |
| | | |
| 12.7.1 | | Ġew approvati l-minuti tal-Gal Xlokk numru 103 u tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali Numru 31,u tar-Reġjun Nofsinhar 34. |
| | | |
| ***12.8*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 12.8.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 7** għall-ammont totali ta'**€53,077.48.**<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku Rita Grima u l-Kunsillier Kenneth Farrugia u Kaydem Schembri. |
| | | |
| ***12.9*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 12.9.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fis-21:00. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 10 ta' Ġunju, 2020 fis-6.00 ta' filgħaxija. |

Konfermati, illum 10 ta' GUNJU, 2020.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| Rita Grima | Josianne Cilia Mumford |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |